**31 ta' Jannar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist.S.**

Cecil Pace *et*

*versus*

Carmen armla tan-Nutar Dottor Salvatore Abela *et*

## Benefiċċju tal-Garanzija bil-Ġurament

*L-atturi riedu jappellaw minn sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ iżda l-malleverija li offrew kienet protestata mir-Reġistratur tal-Qorti u*

*rifjutata mill-konvenuti l-oħra. L-atturi ma jistgħux isibu garanti aħjar milli offrew. Għaldaqshekk huwa l-każ li huma jkunu ammessi għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament.*

Il-Qorti:-

Din hija ċitazzjoni li l-atturi qed jipproponu biex jiġu ammessi li jappellaw minn sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ (Ċitazzjoni numru 180/1993 GMA) ta' l-14 ta' Ottubru, 1993 fl-ismijiet hawn indikati b'dan pero` illi huma hemmhekk kienu konvenuti u r-Reġistratur ta' dawn il-Qrati ġie inkluż mal-konvenuti - dan billi jiggarantixxu l-ispejjeż ta' l-istess bil-ġurament tagħhom kif jikkontempla l-artikolu 904 Kapitolu 12;

Ir-Reġistratur tal-Qrati irrimetta ruħu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, filwaqt li l-konvenuti l-oħra talbu l-verifika taż-żmien li jikkontempla l-artikolu 900(2) Kap.12, barra illi opponew li l-atturi ma jissodisfawx r-rekwiżiti tal-liġi biex jingħataw il-benefiċċju li qed jitolbu;

Għandu l-ewwel nett jiġi reġistrat illi mal-Petizzjoni ta' l-Appell, l-atturi kienu offrew malleverija permezz tal-garanzija solidali ta' Crocefisso Briffa bin Baldassare u Maria nee Degiorgio u din ġiet protestata mir-Reġistratur u rifjutata mill-konvenuti l-oħra fir-risposta tagħhom għall-Petizzjoni ta' l-Appell;

Għal dak li qed jobbjettaw il-konvenuti, għandu fl-ewwel lok jingħad illi dak li jipprovdi l-artikolu 900 Kap.12 kien jolqot lilhom kieku huma jew ma rrifjutawx il-garanti fir-risposta tagħhom, jew m'għamlux risposta jew m'għamlux opposizzjoni fin-nota ta' eċċezzjonijiet f'din il-kawża. Għall-atturi l-artikolu ma jimponix

termini, stante li l-appell għadu ma ġiex appuntat għat-trattazzjoni;

Għal dak li jirrigwarda l-element ta' *probabilis causa litigandi* ħarsa anke superfiċjali lejn il-kontenut tal-petizzjoni ta' l-appell tindika li dak li hemm fiha pretiż ħaqqu li jiġi investit u għal dak li jirrigwarda l-element l-ieħor, ċjoe` l-atturi ma jistgħux isibu garanti aħjar milli offrew, dan huwa fatt tant notorju ormai, f'dawn il-Gżejjer, wara dak li ġara lill-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited fl-1973. Del resto, din il-Qorti diġa` eżaminat dan il-punt f'kawżi simili minnha deċiżi u li għalihom tista' ssir riferenza, **Henry u Cecil Pace** ***pro et noe vs*** **Joseph u Josephine konjuġi Seychell** *et* ta' l-14 ta' Ottubru, 1994 u ta' l-istess data, **Cecil Pace** ***vs*** **Paul u Antonia Camilleri**;

Għaldaqstant, l-atturi qed jiġu ammessi għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament - artikolu 904(1) Kapitolu 12;

Spejjeż mingħajr taxxa bejn il-partijiet.